Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,299, 11 ta' Ottubru, 2002
Taqsima B

A.L. 303 ta' l-2002

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(Kap. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-2002 biex jemendaw ir-Regolamenti għat-Tmexxija ta' l-Eżamijiet tal-Matrikola u taċ-Ċertifikat ta' l-Edukazzjoni Sekondarja

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-2002 biex jemendaw ir-Regolamenti għat-Tmexxija ta' l-Eżamijiet tal-Matrikola u taċ-Ċertifikat ta' l-Edukazzjoni Sekondarja, u għandhom jinqraw u jinftehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1996 għat-Tmexxija ta' l-Eżamijiet tal-Matrikola u taċ-Ċertifikat ta' l-Edukazzjoni Sekondarja, ippubblikati bħala l-Avviż Legali 62 ta' l-1996, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-eżamijiet li jsiru mill-1 ta' Jannar 2002 'il quddiem.

Emenda għar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) *Panel* tal-*Paper Setters: Panel* tal-*Paper Setters* għandu jkun kostitwit mill-anqas minn żewġ membri, u wieħed minnhom ikun *chairman.*

Il-*Panel* jinħatar mill-Kunsill ta' l-Universita', fuq il-parir tal-Bord tal-MATSEC u tas-Senat. Fil-każ ta' l-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Matrikola (fil-Livell Avvanzat u fil-Livell Intermedju), iċ-*chairperson* tal-*Panel* ikun il-kap tad-dipartiment jew *unit* ta' l-Universita' responsabbli għas-suġġett jew lil min jinnomina hu."

Emenda għar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali

4. Minflok il-paragrafi (1) u (2) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"6. (1) Il-membri tal-*Panels* tal-*Paper Setters* ma jkunux eliġibbli biex jieħdu sehem fix-xogħol ta' *Panel* f'eżami partikolari jekk:

(a) ikunu qraba ta' xi kandidat b'konsangwinita' jew b'affinita' sat-tielet grad inkluż; jew

(b) kienu, f'xi żmien matul it-tnax-il xahar qabel l-eżami kkonċernat, il-kustodji ta' xi kandidat; jew

(ċ) kienu, f'xi żmien matul it-tnax-il xahar qabel l-eżami kkonċernat, jgħallmu lil xi kandidat fis-suġġett ta' l-eżami jew f'suġġett li hu qrib tiegħu; jew

(d) kienu, f'xi żmien matul it-tnax-il xahar qabel l-eżami kkonċernat, taw xi lezzjonijiet privati fis-suġġett ta' l-eżami jew f'suġġett li hu qrib tiegħu.

(2) Il-membri tal-*Panels* tal-*Markers* ma jkunux eliġibbli biex jieħdu sehem fix-xogħol ta' *Panel* f'eżami partikolari jekk:

(a) ikunu qraba ta' xi kandidat b'konsangwinita' jew b'affinita' sat-tielet grad inkluż; jew

(b) kienu, f'xi żmien matul it-tnax-il xahar qabel l-eżami kkonċernat, il-kustodji ta' xi kandidat; jew

(ċ) kienu, f'xi żmien matul it-tnax-il xahar qabel l-eżami kkonċernat, taw xi lezzjonijiet privati fis-suġġett ta' l-eżami jew f'suġġett li hu qrib tiegħu.

(3) Il-membri tal-*Panels* tal-*Paper Setters* u tal-*Markers* ikunu jridu jiffirmaw dikjarazzjoni, li biha jikkonfermaw li m'humiex skwalifikati li jieħdu sehem fix-xogħol tal-*Panels* taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (1) u (2) ta' dan ir-regolament."

5. Il-paragrafi (3) u (4) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali jinbidlulhom in-numri biex jiġu paragrafi (4) u (5).

Emenda għar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali

6. Minflok il-paragrafi (1), (2) u (3) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"9. (1) Il-kandidati li ma jkunux sodisfatti li l-grad mogħti lilhom f'xi suġġett jirrappreżenta l-livell tagħhom fl-eżami jistgħu jitolbu reviżjoni ta' l-iskritt tagħhom ta' l-eżami.

(2) Talbiet bħal dawn iridu jsiru lir-Reġistratur, fuq il-formula provduta minnu u flimkien mal-ħlas stabbilit, fil-perjodu indikat b'avviż li jinħareġ ftit wara l-pubblikazzjoni tar-riżultat. F'każijiet fejn ir-reviżjoni ta' l-iskritti ta' l-eżami tirriżulta fi grad rivedut, il-ħlas imħallas jingħata lura lill-kandidat.

(3) Meta jkun hemm talba għal reviżjoni ta' l-iskritt ta' l-eżami trid tiġi segwita din il-proċedura:

(a) jinħatar *marker* addizzjonali mis-Senat;

(b) il-*marker* addizzjonali jerġa' jdur l-iskritts relevanti u jekk jaqbel mal-marka/grad mogħti, jikkonferma l-marka/grad maċ-*Chairperson* tal-*Panel* tal-*Markers;*

(ċ) jekk il-*marker* addizzjonali jħoss li l-marka/grad għandu jinbidel, irid jinforma liċ-*chairperson* tal-*Panel* tal-*Markers.* F'dan il-każ, iċ-*chairperson*, il-*marker* addizzjonali u l-*marker/s* ta' dik il-parti tal-karta li fuqha hemm nuqqas ta' qbil iridu jiltaqgħu, jiddiskutu l-parti relevanti tal-karta u jippruvaw jilħqu ftehim fuq il-marka/grad li għandu jingħata. Jekk

ebda ftehim ma jintlaħaq, jittieħed vot minn dawk il-membri kkonċernati skond il-provvedimenti tar-Regolamenti ta' l-Eżamijiet ta' l-Universita', 1997; u

(d) f'kull każ li tintalab reviżjoni ta' l-iskritts, il-*marker* addizzjonali jrid jikteb rapport qasir, li kopja tiegħu tintbagħat lill-kandidat ikkonċernat."

7. Dan il-paragrafu (4) li ġej jiżdied wara paragrafu (3) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali:

"(4) Meta jkun hemm xi suspett li xi kandidat ma ngħatax il-marki li jappartjenu lilu jew li ngħata marki ta' ħaddieħor, ikun fid-diskrezzjoni taċ-*chairperson* tal-Bord tal-MATSEC sabiex jagħmel l-arranġamenti ħalli l-kandidat ikun jista' jara l-iskritt tiegħu biex jidentifikah biss."

Żieda ta' regolament 11

8. Dan ir-regolament 11 irid jiżdied wara r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali:

"Il-Kandidati b'Diżabilita'

11. Il-Bord tal-MATSEC jista' jagħmel provvedimenti għal kandidati li jkollhom xi diżabilita'."